



Brussell, 5 ta' Lulju 2023  
(OR. en)

11485/23

LIMITE

COLAC 81  
POLCOM 146  
SERVICES 27  
FDI 15

## PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 431 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 431 final.

Mehmuż: COM(2023) 431 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 5.7.2023  
COM(2023) 431 final

2023/0257 (NLE)

PUBLIC

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-proposta mehmuża tikkostitwixxi l-istrument legali li jawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-AFA"). Huwa jawtorizza wkoll l-applikazzjoni provviżorja ta' partijiet minnu.

Politikament, l-AFA mar-Repubblika taċ-Ċili ("iċ-Ċili") jimmarka pass importanti lejn it-tiżi tar-rwol tal-Unjoni Ewropea fl-Amerika t'Isfel, abbażi ta' valuri universali kondiviżi bħad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. Huwa jwitti t-triq għat-titjib tal-kooperazzjoni politika, reġjonali u globali bejn żewġ isħab tal-istess fehma. L-implimentazzjoni tal-AFA se twassal għal benefiċċji prattiċi għaż-żewġ naħat, waqt li tiffirma bażi għall-promozzjoni tal-interessi politiċi usa' tal-Unjoni Ewropea.

Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea ("UE") u ċ-Ċili bħalissa huma bbażati fuq il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni") bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u ċ-Ċili, min-naħa l-oħra, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2005 (b'applikazzjoni provviżorja mill-1 ta' Frar 2003)<sup>1</sup>.

Minn meta ġie ffirmat il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni attwali 20 sena ilu, id-dinja nbidlet b'mod sostanzjali. L-AFA jwieġeb għal dawn il-bidliet u jindirizza sfidi globali ġodda. L-aġġornament tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni sar fi żmien meta ċ-Ċili u s-soċjetajiet u l-ekonomiji tal-UE qed jiffaċċjaw sfidi globali bla preċedent minħabba l-invażjoni Russa tal-Ukrajna. Ir-riperkussjonijiet tal-gwerra, inkluż l-inflazzjoni globali, it-tfixkil fil-katina tal-provvista u l-kriżi tal-enerġija, xeħtu dawl fuq il-ħtieġa urġenti li jissaħħu r-rabtiet ta' benefiċċju reċiproku ma' alleati ewlenin tal-istess fehma biex titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija, jissaħħu l-ktajjen tal-provvista strateġiċi u jiġu diversifikati s-sorsi tal-provvista.

Fl-2006, il-Kummissjoni Ewropea adottat strateġija "Ewropa Globali", li timmodernizza l-aġenda tagħha għall-politika kummerċjali tal-UE u tfitx Ftehimiet kummerċjali aktar profondi. L-UE kkonkludiet Ftehimiet ma' pajjiżi oħra fir-reġjun (Ftehim Kummerċjali mal-Kolombja, l-Ekwador u l-Perù, Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Amerika Ċentrali) u lil hinn, fost l-oħrajn mal-Kanada, il-Ġappun, New Zealand, Singapore u l-Vjetnam.

Iċ-Ċili ffirmat 26 FTA ma' 64 pajjiż, inkluż mal-Istati Uniti (2004), iċ-Ċina (2006) u l-Ġappun (2007). Iċ-Ċili ngħaqad ukoll mal-Alleanza tal-Paċifiku u mas-Sħubija Trans-Paċifika (issa l-Ftehim Komprensiv u Progressiv għas-Sħubija Trans-Paċifika).

Il-ftehimiet internazzjonali msemmija hawn fuq imorru ferm lil hinn mill-ambizzjoni u l-ambitu tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni eżistenti bejn l-UE u ċ-Ċili fil-biċċa l-kbira tal-oqsma. B'riżultat ta' dan, iż-żewġ Partijiet esprimew interess fil-modernizzazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni biex ikomplu jtejbu r-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi tagħhom, u biex jappfondixxu l-kooperazzjoni u l-kummerċ.

Matul laqgħa marġinali tas-Summit UE-CELAC li sar f'Santiago fis-26 u s-27 ta' Jannar 2013, il-mexxejja mill-UE u iċ-Ċili qablu li jesploraw il-possibilitajiet biex jimmodernizzaw il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni wara 10 snin sa mid-dħul fis-seħħ tiegħu. F'April 2015, is-Sitt Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċili approva t-twaqqif tal-grupp ta' ħidma konġunt ("il-Grupp") dwar l-immodernizzar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. It-tir tal-Grupp kien li jwettaq eżerċizzju dwar l-ambitu billi jivvaluta l-livell ta' ambizzjoni tan-negożjati tal-

<sup>1</sup> *ĠUL 26, 31.1.2003.*

prospettivi għall-immodernizzar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fl-oqsma kollha. Il-Grupp ħoloq żewġ sottogruppi, wieħed inkarigat mill-politika u l-kooperazzjoni u l-ieħor mill-kummerċ. Is-sottogruppi kkonkludew il-ħidma tagħhom fl-okkażjoni tal-14-il Kumitat ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċili li sar fil-31 ta' Jannar 2017.

Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jifihnu negozjati għal ftehim modernizzat maċ-Ċili biex jissostitwixxi l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni<sup>2</sup>.

In-negozjati tnedew formalment fis-16 ta' Novembru 2017. In-negozjati tmexxew f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Amerika Latina u l-Karibew. Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali ġie kkonsultat dwar il-partijiet tal-Ftehim relatati mal-kummerċ. Il-Parlament Ewropew ġie infurmat dwar l-eżitu tan-negozjati.

L-UE u ċ-Ċili laħqu l-konklużjoni politika tan-negozjati fid-9 ta' Diċembru 2022 fi Brussell. Il-modernizzazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni eżistenti bejn l-UE u ċ-Ċili hija bbażata fuq żewġ strumenti legali:

1. L-AFA anness ma' din il-proposta, li jinkludi (a) il-pilastru Politiku u ta' Kooperazzjoni u (b) il-Pilastru tal-Kummerċ u l-Investment (inkluż id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investment); u
2. Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili ("ITA") li jkopri l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investment. L-ITA ma jibqax japplika meta l-AFA jidħol fis-seħħ.

L-AFA jkopri l-klawżoli standard tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI), l-Armi ta' Qerda Massiva (AQM), l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir ("SALW" - Small Arms and Light Weapons) u l-ġlieda kontra t-terroriżmu. Huwa jinkorpora wkoll il-kooperazzjoni f'oqsma bħalma huma s-saħħa, l-ambjent, it-tibdil fil-klima, il-governanza tal-oċeani, l-enerġija, it-taxxa, l-edukazzjoni u l-kultura, ix-xogħol, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, ix-xjenza u t-teknoloġija, u t-trasport. L-AFA jindirizza wkoll il-kooperazzjoni legali, l-istat tad-dritt, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni. Il-parti tal-AFA relatata mal-kummerċ twessa' l-ambitu tal-qafas kummerċjali bilaterali attwali u taġġustah għall-isfidi globali politiċi u ekonomiċi ġodda, għar-realtà l-ġdida tas-sħubija bejn l-UE u ċ-Ċili u għal-livell ta' ambizzjoni tal-ftehimiet u n-negozjati kummerċjali konklużi reċentement mill-UE u ċ-Ċili.

Il-Ftehim jistabbilixxi qafas istituzzjonali magħmul mill-Kunsill Konġunt, il-Kumitat Konġunt u s-Sottokumitati u korpi oħra biex jassistu lill-Kunsill Konġunt. Il-Ftehim jipprevedi mekkaniżmu biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' waħda mill-Partijiet li tissodisfa l-obbligi assunti skont l-AFA.

L-ITA qiegħed jiġi propost għall-iffirmar u l-konklużjoni b'mod parallel mal-AFA. Ladarba jiġi konkluż, l-ITA se jidħol fis-seħħ u se jibqa' fis-seħħ sad-dħul fis-seħħ tal-AFA. Din il-proposta tikkonċerna l-istrument legali li jawtorizza l-iffirmar tal-AFA.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-AFA huwa kompletament konformi mal-viżjoni ġenerali tal-UE għas-sħubija tagħha mal-Amerika Latina u l-Karibew, kif deskritt fil-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, l-Amerika Latina u l-Karibew: ningħaqdu

---

<sup>2</sup> JOIN/2017/019 final

flimkien għal futur komuni, adottata fis-17 ta' April 2019. Huwa jaqbel ukoll mal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-UE għall-2023 (Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja).

Barra minn hekk, il-Parti tal-AFA relatata mal-Kummerċ u l-Investment hija kompletament konformi mal-istrateġija "Kummerċ għal Kulħadd" ta' Ottubru 2015 billi l-politika kummerċjali u ta' investment ġiet ankrata fl-istandards u l-valuri Ewropej u universali flimkien mal-interessi ekonomiċi ewlenin, b'enfasi akbar fuq l-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem, l-evazzjoni tat-taxxa, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-kummerċ responsabbli u ġust.

L-AFA jipprovdi qafas legali komprensiv modernizzat għar-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċili u jissostitwixxi l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni attwali, inkluż kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti mill-korpi istituzzjonali tagħha, ħliet għall-ftehimiet dwar l-Inbid u l-Ispirti (li qabel kienu annessi mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni). Matul is-snin, l-UE u ċ-Ċili kkonkludew diversi ftehimiet settorjali bilaterali, inkluż il-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed u l-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Ispirti u x-Xorb Aromatizzat (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehimiet dwar l-Inbejjed u l-Ispirti") dwar ir-rikonossiment reċiproku u l-protezzjoni tad-denominazzjonijiet għall-inbejjed u x-xorb spirituż iffirmati fi Brussell. Il-Ftehimiet dwar l-Inbejjed u l-Ispirti, li qabel kienu annessi mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni<sup>3</sup>, huma inkorporati fl-AFA.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-AFA huwa konsistenti għalkollox mal-politiki tal-UE, u l-UE mhi se jkollha bżonn temenda l-ebda regola, regolament jew standard tagħha fl-ebda qasam irregolat minħabba fih, pereżempju r-regoli tekniċi u l-istandards tal-prodotti, ir-regoli sanitarji u fitosanitarji, ir-regolamenti dwar l-ikel u dwar is-sikurezza, l-istandards tas-saħħa u tas-sikurezza, ir-regoli dwar il-GMOs, il-ħarsien tal-ambjenti jew il-il-protezzjoni tal-konsumatur).

L-implimentazzjoni tal-AFA se tgħin lill-UE tilħaq il-miri tagħha tal-Patt Ekoloġiku, se tavvanza tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti u inklużivi, inkluż billi tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Global Gateway, peress li jinkludi kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, li jorbot l-AFA mal-oġġettivi ġenerali tal-UE ta' żvilupp sostenibbli u oġġettivi speċifiċi fl-oqsma tax-xogħol, l-ambjent u t-tibdil fil-klima.

Barra minn hekk, id-Dikjarazzjonijiet Konġunti dwar id-Dispożizzjonijiet dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli huma meħmuża mal-AFA u mal-ITA, u jipprevedu li l-Partijiet, mad-dħul fis-seħħ tal-ITA, jibdedu proċess ta' rieżami formali tal-aspetti kummerċjali u tal-iżvilupp sostenibbli tiegħu sabiex jikkunsidraw l-inkorporazzjoni, kif xieraq, ta' dispożizzjonijiet addizzjonali li jistgħu jitqiesu rilevanti minn Parti jew oħra f'dak iż-żmien, inkluż fil-kuntest tal-iżviluppi rispettivi tal-politika domestika tagħhom u l-prattika reċenti tagħhom fir-rigward tat-trattati internazzjonali. Tali dispożizzjonijiet addizzjonali jistgħu jkunu relatati, b'mod partikolari, mat-tisħiħ ulterjuri tal-mekkaniżmu ta' infurzar tal-kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, inkluża l-possibbiltà li tiġi applikata fażi ta' konformità, u kontromiżuri adegwati bħala l-aħħar rimedju. Mingħajr preġudizzju għall-eżitu tar-rieżami, il-Partijiet se jikkunsidraw ukoll il-possibbiltà li jinkludu l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima bħala element essenzjali tal-Ftehimiet fil-futur.

Barra minn hekk, l-AFA jissalvagwardja bis-sħiħ is-servizzi pubbliċi u jiżgura li d-dritt tal-gvernijiet li jirregolaw fl-interess pubbliku jiġi ppreservat bis-sħiħ mill-AFA u jikkostitwixxi prinċipju bażiku sottostanti għalih.

---

<sup>3</sup> Il-Ftehimiet ġew emendati fl-2005, fl-2006, fl-2009 u l-aħħar darba fl-2022 (ĠU C287/19 tat-28 ta' Lulju 2022).

Il-kooperazzjoni fir-Riċerka u l-Innovazzjoni hija skont il-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Ċili, iffirmat f' Settembru 2002 u li daħal fis-seħħ f' Jannar 2007.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

#### Bażi ġuridika sostantiva

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(5) TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u l-kontenut tal-AFA. Skont il-każistika, jekk eżami ta' miżura tal-UE jiżvela li għandha żewġ għanijiet jew li tinkludi żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn ikun identifikabbli bħala l-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, il-miżura trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri, dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

B'mod eċċezzjonali, jekk jiġi stabbilit, min-naħa l-oħra, li l-miżura għandha għadd ta' objettivi simultanament, jew għandha diversi komponenti, li huma marbuta mill-qrib mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, sabiex diversi dispożizzjonijiet tat-Trattat ikunu applikabbli, il-miżura għandha tkun ibbażata fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti (ara, għal dan l-għan, is-sentenzi tal-10 ta' Jannar 2006, *il-Kummissjoni vs il-Parlament u l-Kunsill*, C-178/03, EU:C:2006:4, il-punti 42 u 43; tal-11 ta' Ġunju 2014, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, C-377/12, EU:C:2014:1903, il-punt 34; tal-14 ta' Ġunju 2016, *Il-Parlament vs Il-Kunsill*, C-263/14, EU:C:2016:435, il-punt 44; u tal-4 ta' Settembru 2018, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (il-Każakistan)*, C-244/17, ECLI:EU:C:2018:662, il-punt 40).

F'dan il-każ partikolari, l-AFA jsegwi żewġ objettivi ewlenin u għandu żewġ komponenti ewlenin li jaqgħu fl-ambitu tal-politika kummerċjali komuni, it-trasport u tal-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi terzi. Għalhekk, jenħtieġ li l-bażi ġuridika għad-deċiżjoni proposta tkun dik tal-Artikoli 91, 100(2), 207 u 212<sup>4</sup> tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

#### Bażi ġuridika proċedurali

L-Artikolu 218(5) TFUE jipprevedi li l-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar tal-ftehim u, jekk meħtieġ, l-applikazzjoni proviżorja tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ.

L-Artikolu 218(8) TFUE jipprevedi li l-Kunsill għandu jaġixxi permezz ta' maġġoranza kwalifikata ħliet fiċ-ċirkostanzi elenkati fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) TFUE fejn il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu. Minħabba l-fatt li l-komponenti predominanti tal-Ftehim huma l-politika kummerċjali, it-trasport, u l-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi terzi, ir-regola tal-votazzjoni għal dan il-każ partikolari hija għalhekk il-maġġoranza kwalifikata.

### • Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jifihhu negozjati għal ftehim modernizzat ma' Ċili biex jissostitwixxi l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Dawk il-partijiet tal-AFA li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UE kondiviża mal-Istati Membri, ikopru oqsma ta' politika u elementi li huma adattati għal azzjoni esterna fil-livell tal-Unjoni. Fl-oqsma ta' politika fejn tkun ittiegħet azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni, l-eżerċizzju

<sup>4</sup> Iċ-Ċili mhuwiex riċevitur ta' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp skont il-kriterji stabbiliti mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD għall-perjodu 2022 u 2023.

estern mill-Unjoni tal-kompetenza koperta huwa inevitabli (l-Artikolu 3(2) TFUE). Barra minn hekk, sabiex tinkiseb kooperazzjoni sinifikanti u sabiex tkun f'pożizzjoni ta' negozjar aktar b'saħħitha fil-konfront taċ-Ċili, ġie ġġudikat li azzjoni fil-livell tal-Unjoni kienet aktar mixtieqa minn azzjoni fil-livell tal-Istati Membri individwali. Għalhekk, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tqieset li hija aktar effettiva minn azzjoni fil-livell nazzjonali.

- **Proporzjonalità**

Din l-inizjattiva ssegwi direttament l-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u tikkontribwixxi għall-prijorità politika tal-“UE bħala attur globali aktar b'saħħtu”. Hija konformi mal-orjentazzjonijiet tal-Istrateġija Globali tal-UE li tinvolvi ruħha ma' Pajjiżi oħra u li ġġedded is-sħubijiet esterni tagħna b'mod responsabbli, sabiex jinkisbu l-prijoritajiet esterni tal-UE. Hija tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-UE dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni ekonomika u teknika ma' pajjiżi terzi.

In-negozjati għall-AFA maċ-Ċili twettqu f'konformità mad-direttivi ta' negozjar stabbiliti mill-Kunsill. L-eżitu tan-negozjati ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-oġġettivi ta' politika stabbiliti fid-direttivi ta' negozjar.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija konformi mal-Artikolu 218(5) TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar tal-ftehim u, jekk meħtieġ, l-applikazzjoni proviżorja tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ. Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġġettiv espress f'din il-proposta.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

“Evalwazzjoni tal-Impatt Ekonomiku tal-Pilastru tal-Kummerċ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċili” ġiet ikkummissjonata mill-Kummissjoni u tlestiet f'Marzu 2012. “Studju *Ex-ante* ta' Modernizzazzjoni Possibbli tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċili” li jħares lejn l-għażliet għall-modernizzazzjoni ġie kkummissjonat mill-Kummissjoni u tlesta fi Frar 2017.

Dawn il-valutazzjonijiet urew li, filwaqt li l-kopertura tal-pilastru kummerċjali eżistenti kienet komprensiva f'dak iż-żmien, kien hemm lok għal aktar titjib tar-regoli u l-kisba ta' aktar aċċess għas-suq. Huwa kkonkluda ukoll li kien meħtieġ li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jiġi aġġornat mal-evoluzzjoni tax-xenarju kummerċjali globali.

Barra minn hekk, “Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibbiltà b'Appoġġ għan-Negozjati għall-Modernizzazzjoni tal-Parti Kummerċjali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni maċ-Ċili” ġiet ikkummissjonata mill-Kummissjoni u tlestiet f'Mejju 2019.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-kuntratturi għall-istudji esterni mwettqa organizzaw għadd kbir ta' attivitajiet ta' konsultazzjoni u sensibilizzazzjoni, inkluż: siti web iddedikati għal dokumenti u attivitajiet marbuta mal-istudji; sħarriġ online tal-partijiet ikkonċernati; u intervisti individwali.

Fil-kuntest tal-Valutazzjoni tal-Impatt, id-DĠ Kummerċ ikkonsulta lill-partijiet interessati inklużi n-negozji, il-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili, l-NGOs, it-trade unions kif ukoll l-assoċjazzjonijiet tal-kummerċ, il-kmamar tal-kummerċ u interessi privati oħra, dwar il-modernizzazzjoni. Dawn il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati kienu jinvolvu attivitajiet ta' konsultazzjoni differenti inkluża konsultazzjoni pubblika miftuħa online.

Dawn l-istudji esterni, u l-konsultazzjonijiet li saru fil-kuntest tat-tnejn tagħhom, ipprovdew lill-Kummissjoni b'kontribut li kien ta' valur kbir fin-negozjati tal-AFA.

Matul in-negozjati, ġew organizzati wkoll laqgħat biex l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu infurmati dwar l-istatus tan-negozjati u biex isir skambju ta' fehmiet dwar il-modernizzazzjoni.

In-negozjati twettqu f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Amerika Latina u l-Karibew dwar l-aspetti politiċi u ta' kooperazzjoni ta' dan il-Ftehim, u f'konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali dwar l-aspetti kummerċjali ta' dan il-Ftehim, bħala l-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 218(4) TFUE. Il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġew infurmati regolarment ukoll permezz tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (Committee on International Trade, INTA), b'mod partikolari l-Grupp ta' Monitoraġġ tiegħu dwar iċ-Ċili, u l-Kumitat għall-Affarijiet Barranin. It-testi li progressivament irriżultaw min-negozjati ġew iċċirkolati liż-żewġ istituzzjonijiet matul il-proċess.

- **Ġbir u użu tal-għarfien esperti**

L-*“Evalwazzjoni ex post tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u ċ-Ċili”* twettqet mill-kuntrattur estern “ITAQA SARL”.

L-*“Istudju Ex ante ta' Modernizzazzjoni Possibbli tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ċili”* twettaq mill-kuntrattur estern “Ecorys-Case”.

Il-*“Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibbiltà (VIS) b'appoġġ għan-negozjati għall-modernizzazzjoni tal-pilastru kummerċjali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni maċ-Ċili”* twettqet mill-kuntrattur estern “BKP Development Research & Consulting”<sup>5</sup>.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta kienet appoġġata minn Valutazzjoni tal-Impatt ippubblikata f'Mejju 2017<sup>6</sup> li rċeviet opinjoni pożittiva (SWD/2017/0173 final).

Il-Valutazzjoni tal-Impatt ikkonkludiet li negozjar komprensiv iwassal għal benefiċċji pożittivi kemm għall-UE kif ukoll għaċ-Ċili. Tali benefiċċji kienu jinkludu żidiet fil-PDG, fil-protezzjoni soċjali u fl-esportazzjonijiet, fl-impjiegi, fil-pagi (kemm għal ħaddiema bi ffit ħiliet kif ukoll għal dawk b'aktar ħiliet), fil-kompetittività u pożizzjoni mtejbja kemm għall-UE kif ukoll għaċ-Ċili fir-rigward ta' kompetituri globali oħrajn. L-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-iżvilupp sostenibbli jkollha wkoll impatt pożittiv fuq il-promozzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards ewlenin tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (International Labour Organisation, ILO).

Barra minn hekk, il-Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibbiltà (VIS) imwettqa matul in-negozjati ttiprovdi valutazzjoni komprensiva tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali potenzjali ta' żieda fil-liberalizzazzjoni tal-kummerċ taħt l-AFA fl-UE u ċ-Ċili. Il-VIS tanalizza wkoll l-impatti potenzjali tal-modernizzazzjoni fuq id-Drittijiet tal-Bniedem u fuq is-setturi tal-manifattura, tal-agrikoltura u tas-servizzi.

<sup>5</sup> [https://policy.trade.ec.europa.eu/analysis-and-assessment/sustainability-impact-assessments\\_mt#chile](https://policy.trade.ec.europa.eu/analysis-and-assessment/sustainability-impact-assessments_mt#chile)

<sup>6</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:52017SC0173>

L-UE u ċ-Ċili laħqu ftehim ambizzjuż f'konformità mal-aktar ftehimiet kummerċjali reċenti bħas-CETA, il-Ġappun u New Zealand. Il-Ftehim se jiftaħ opportunitajiet ġodda għall-kummerċ u l-investment fiż-żewġ swieq u se jappoġġa l-impjiegi fl-UE.

L-AFA fost l-oħrajn se jneħħi l-biċċa l-kbira tad-dazji doganali, jestendi l-aċċess għall-kuntratti pubbliċi, jiftaħ is-suq tas-servizzi, joffri kundizzjonijiet prevedibbli għall-investituri u jgħin biex jiġi evitat l-ikkupjar illegali ta' innovazzjonijiet u prodotti tradizzjonali tal-UE. L-AFA fih ukoll l-garanziji kollha biex ikun żgurat li l-kisbiet ekonomiċi ma jseħħux għad-detriment tad-drittijiet fundamentali, tal-istandards soċjali, tad-dritt tal-gvern li jirregola, tal-ħarsien tal-ambjent jew tas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

L-AFA mhuwiex suġġett għall-proċeduri tar-REFIT. Madankollu, jinkludi qafas għal proċeduri simplifikati ta' kummerċ u investment, tnaqqis fl-ispejjeż relatati mal-esportazzjoni u l-investment u għalhekk se jżid l-opportunitajiet ta' kummerċ u investment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Fost il-benefiċċji mistennija hemm żieda fit-trasparenza, inqas piż tar-regoli tekniċi, rekwiżiti ta' konformità, proċeduri doganali u regoli tal-oriġini, protezzjoni mtejbja tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, protezzjoni tal-investment, aċċess aħjar għall-proċeduri tal-offerti fil-qasam tal-akkwist, kif ukoll kapitolu speċjali biex l-SMEs ikunu jistgħu jimmassimizzaw il-benefiċċji tal-Ftehim.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma taffettwax il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Il-parti kummerċjali ta' Ftehim immodernizzat se jkollha impatt negattiv limitat fuq il-baġit tal-UE fl-għamla tal-eliminazzjoni tad-dazji doganali minħabba l-liberalizzazzjoni tat-tariffi. Huwa mistenni li jkun hemm impatti pożittivi indiretti f'termini ta' żidiet f'riżorsi marbuta mat-taxxa fuq il-valur miżjud u l-introjt nazzjonali gross.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-  
evalwazzjoni u r-rapportar**

L-AFA jinkludi dispożizzjonijiet istituzzjonali li jistabbilixxu korpi konġunti biex jimmonitorjaw kontinwament l-implimentazzjoni, l-operat u l-impatt tiegħu.

L-istruttura istituzzjonali tal-AFA hija magħmula minn Kunsill Konġunt, Kumitat Konġunt u Sottokumitati u korpi oħra. Il-Kumitat Konġunt se jassisti lill-Kunsill Konġunt fit-tweqqif tal-funzjoni tiegħu u jissorvelja l-ħidma tas-Sottokumitati u l-korpi l-oħra kollha stabbiliti taħt l-AFA. Meta jiddiskutu kwistjonijiet ta' kummerċ u investment, il-Kunsill Konġunt u l-Kumitat Konġunt jiltaqgħu fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ. Id-dispożizzjonijiet istituzzjonali tal-Parti dwar il-Kummerċ u l-Investment tal-AFA jistabbilixxu funzjonijiet u kompiti speċifiċi tal-Kunsill Konġunt u tal-Kumitat Konġunt li jaġixxu fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ.

Taħt il-Parti Politika tal-AFA, il-Ftehim jistabbilixxi Sottokumitat għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni internazzjonali u taħt il-Parti tal-Kummerċ u l-Investment tal-AFA, għadd ta' Sottokumitati relatati mal-kummerċ u l-investment huma stabbiliti. Aktar Sottokumitati jew korpi oħra jistgħu jiġu stabbiliti mill-Kunsill Konġunt jew mill-Kumitat Konġunt biex jindirizzaw kompiti jew suġġetti speċifiċi.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-AFA jwessa' l-ambitu tal-qafas bilaterali attwali u jaġġustah għall-isfidi globali politiċi u ekonomiċi ġodda, għar-realtà l-ġdida tas-sħubija bejn l-UE u ċ-Ċili u għal-livell ta' ambizzjoni tal-ftehimiet u n-negozjati konklużi reċentement mill-UE u ċ-Ċili.

L-AFA johlq qafas legalment vinkolanti koerenti, komprensiv u aġġornat għar-relazzjonijiet tal-UE maċ-Ċili. Għandu l-għan li jistabbilixxi sħubija msaħħa, isahha id-djalogu politiku u jappfondixxi u jsahha il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku. Fl-istess ħin, l-AFA se jrawwem il-kummerċ u l-investment billi jikkontribwixxi għall-espansjoni u d-diversifikazzjoni tar-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali.

L-AFA jinkludi wkoll mekkaniżmu ta' konsultazzjoni tas-soċjetà ċivili estiż għall-Ftehim kollu biex is-soċjetà ċivili fuq iż-żewġ naħat tkun tista' tinstema' fir-rigward tad-dispożizzjonijiet kollha fil-Ftehim.

L-AFA huwa maqsum f'erba' partijiet. L-għanijiet u l-prinċipji ġenerali tal-Ftehim huma deskritti fil-Parti I (Prinċipji u Għanijiet Ġenerali). Ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u għall-prinċipju tal-istat tad-dritt kif ukoll għall-klawżola tan-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva jikkostitwixxu elementi essenzjali tal-Ftehim.

Fil-Parti II (Djalogu Politiku u Kooperazzjoni), l-UE u ċ-Ċili jimpenjaw ruħhom li jappfondixxu d-djalogu u jikkooperaw fl-oqsma li ġejjin:

- Djalogu Politiku, Politika Barranija, Paċi u Sigurtà Internazzjonali, Governanza u Drittijiet tal-Bniedem
- Ġustizzja, Libertà u Sigurtà
- Żvilupp Sostenibbli
- Sħubija Ekonomika, Soċjali u Kulturali
- Oqsma oħra (politiki makroekonomiċi, kwistjonijiet ta' taxxa, politika tal-konsumatur, saħħa pubblika, sport u attivitá fiżika)
- Modernizzazzjoni tal-Istat, u tas-Servizz Pubbliku, Deċentralizzazzjoni, Politika Reġjonali u Kooperazzjoni Interistituzzjonali

Issir enfasi fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet kruċjali, inkluż il-ħarsien tal-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-enerġija sostenibbli, il-governanza tal-oċeani, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u tan-nisa, l-imġiba responsabbli fin-negozju, id-drittijiet tax-xogħol u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri. Id-dispożizzjonijiet fil-Parti II se jippermettu azzjoni aktar koordinata u komuni f'oqsma ġodda bħas-saħħa pubblika, il-modernizzazzjoni tal-istat, il-ġestjoni tal-flussi migratorji, in-nonproliferazzjoni tad-WMDs, il-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u ċ-ċiberkriminalità.

Dan se jissarraf fi sħubija aktar b'saħħitha fil-livell globali, pereż. dwar l-aġenda 2030, l-azzjoni kontra t-tibdil fil-klima, il-governanza tal-oċeani u dwar kwistjonijiet ta' governanza demokratika globali u d-drittijiet tal-bniedem, il-migrazzjoni internazzjonali, il-paċi u s-sigurtà.

Il-Parti II fiha wkoll dispożizzjonijiet li japprofondixxu d-djalogu u l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni. Il-Ftehim fih Protokoll li jinkludi dispożizzjonijiet biex tiġi miġġielda u prevenuta l-korruzzjoni fil-kummerċ u l-investment.

L-oġġettivi tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll huma li jipprevjenu l-korruzzjoni fil-kummerċ u l-investment permezz ta' miżuri differenti, b'mod partikolari billi jippromwovu l-integrità fis-settur privat u pubbliku, isaħħu l-kontrolli interni, l-awditjar estern u r-rappurtar finanzjarju kif ukoll isaħħu l-ġlieda kontra l-korruzzjoni diġà segwita permezz ta' konvenzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni (United Nations Convention against corruption, UNCAC).

F'dan ir-rigward, il-Partijiet itennu l-impenn tagħhom li jagħmlu l-korruzzjoni reat kriminali għall-uffiċjali tal-gvern u li jikkunsidraw ukoll li l-korruzzjoni ssir reat għan-negozji. Iż-żewġ naħat qablu dwar ċerti dixxiplini biex jindirizzaw il-ħasil tal-flus.

Il-Protokoll jippromwovi wkoll il-parteciġipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Huwa jipprevedi wkoll mekkaniżmu ta' konsultazzjoni f'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar l-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet kontra l-korruzzjoni.

Fil-Parti III (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-kummerċ), l-oġġettiv ta' politika ewlieni segwit mill-UE u ċ-Ċili huwa li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jiġi aġġustat għar-realtajiet il-ġodda u jiġi stabbilit qafas ġdid għar-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investment bilaterali tagħhom f'konformità mal-aħħar ġenerazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali konklużi jew li qed jiġu nnegozjati miċ-Ċili jew mill-UE, rispettivament.

F'konformità mal-oġġettivi stabbiliti mid-direttivi ta' negozjar, il-Parti III tal-AFA se toffri:

- Aċċess imtejjeb għas-suq għall-esportazzjonijiet agrikoli u tas-sajd u regoli mtejba
- Regoli Simplifikati tal-Orġini
- Proċeduri fil-fruntiera modernizzati u simplifikati
- Garanzija ta' kummerċ u kundizzjonijiet tan-negozju ġusti
- L-iżgurar tas-sostenibbiltà
- Fokus fuq il-ħtiġijiet ta' negozji iżgħar
- Opportunitajiet għall-fornituri tas-servizzi u regoli għall-kummerċ diġitali
- L-inkoraġġiment tal-investment
- Aċċess għall-offerti pubbliċi Ċileni
- Il-ħolqien ta' protezzjoni aħjar għall-innovazzjonijiet u x-xogħlijiet kreattivi
- L-iżgurar ta' kummerċ sikur u sostenibbli fil-prodotti agroalimentari
- L-iżgurar li r-regolamenti tekniċi, l-istandards, u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità ma jkunux diskriminatorji u ma jgħolqux ostakli bla bżonn għall-kummerċ
- Trasparenza u Prattiki Regulatorji Tajbin
- Proċeduri moderni dwar is-soluzzjoni tat-tilwim

**Il-Parti IV (Qafas Istituzzjonali Ġenerali)** fiha d-dispożizzjonijiet ġenerali, istituzzjonali u finali. Il-Ftehim jistabbilixxi qafas istituzzjonali magħmul minn Kunsill Konġunt, Kumitat

Konġunt u għadd ta' Sottokumitati. Dan jistabilixxi strutturi għall-involviment fi djalogi mas-soċjetà ċivili. Huwa jintroduċi proċedura biex jiġu indirizzati każijiet ta' nuqqas minn Parti li tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-Ftehim.

Il-Ftehim jipprovdi l-possibbiltà li jiġi applikat b'mod proviżorju b'mod sħiħ jew parzjali. Huwa konkluż għal perjodu ta' żmien indefinit u jieħu post il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ.

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91(1), 100(2), 207 u 212, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'Novembru 2017, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jifflu negozjati maċ-Ċili dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni mmodernizzata bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra.
- (2) In-negozjati tal-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġew konklużi b'suċċess min-Negozjaturi Ewlenin f'Diċembru 2022.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar 'il quddiem.
- (4) Fid-dawl tal-ħtieġa li dan il-Ftehim jiġi applikat qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu wara r-ratifiki mill-Istati Membri, ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim jenħtieġ li jiġu applikati provviżorjament.
- (5) Il-Ftehim, f'konformità mal-Artikolu 41.10 tiegħu, ma jagħtix, fl-Unjoni, drittijiet jew jimponi obbligi fuq persuni, għajr dawk maħluqa bejn il-Partijiet skont id-dritt internazzjonali pubbliku.
- (6) Dikjarazzjoni Konġunta dwar id-Dispożizzjonijiet dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli li tinsab fil-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra ("Dikjarazzjoni Konġunta"), hija meħmuża mal-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-iffirmar tal-Ftehim huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim.
2. Id-Dikjarazzjoni Konġunta meħmuża mal-Ftehim hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni.
3. It-testi tal-Ftehim u tad-Dikjarazzjoni Konġunta huma meħmuża ma' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata taħtar il-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim, u tapprova d-Dikjarazzjoni Konġunta mehmuża miegħu f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim f'data aktar tard.

### *Artikolu 3*

1. Sakemm jidħol fis-seħħ, skont l-Artikolu 41.5 tal-Ftehim u soġġett għan-notifiki previsti fih, il-partijiet li ġejjin tal-Ftehim għandhom jiġu applikati b'mod proviżorju bejn l-Unjoni u r-Repubblika ta' Ċili:

- Il-Kapitolu 1
- Il-Kapitolu 2
- Il-Kapitolu 3 – bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 3.4 (protezzjoni konsulari)
- Il-Kapitolu 4
- Il-Kapitolu 5
- Il-Kapitolu 6 – bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 6.2 (kwistjonijiet ta' taxxa)
- Il-Kapitolu 7
- Il-Kapitolu 40
- Il-Kapitolu 41

2. Id-data minn meta l-partijiet ta' hawn fuq tal-Ftehim għandhom jiġu applikati b'mod proviżorju għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*